MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Numru. 1099/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Pierre Darmanin**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 6 ta` Novembru, 2013 miġjuba fil-konfront ta` Pierre Darmanin, bin Xavier u Maria Dolores xebba Zammit, imwieled San Ġiljan nhar it-30 ta` Settembru, 1976, residenti

Solaris, Triq Dun Nard Mallia, ż-Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita` numru 254077M fejn ġie mixli talli

(a) nhar il-21 t`Awissu, 2013, fil-ħinijiet ta` wara nofs in-nhar minn fuq il-Moll f`Xatt il-Braken fil-Marsa, ikkommetta serq t`ilma ikkwalifikat bil-mezz, u dan għad-detriment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-Artikoli 261(b), 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta; u

(b) talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bagħbas jew għamel ħsara fil-komunikazzjoni tal-ilma tal-main u dan għad-detriment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-Avviz Legali 331 tal-2008 regolament numru 10 (39).

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 4 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukati Edward Gatt u Rachel Tua, tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li għalaq il-provi tiegħu matul is-seduta tal-1 ta' Frar 2014 filwaqt li d-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi f'dan il-każ matul is-seduta tal-24 ta' Marzu 2014.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet : -

**L-ewwel imputazzjoni - serq kwalifikat bil-mezz : -**

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat jiċħad li huwa seraq l-ilma meritu ta' dan il-każ. L-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet – waħda fil-21 t'Awissu 2013, li kien jum l-Erbgħa u l-oħra fil-25 t'Awissu 2013 li kien jum il-Ħadd.

Fl-ewwel stqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija huwa stqarr li kien is-sid tal-Van Vauxhall bin-numru tar-reġistrazzjoni JBP-727 u jgħid li l-aħħar li kien saqu hu personali kien xi ġimgħa qabel l-istqarrija tal-21 t'Awissu 2013. L-aħħar li kien ħallih kien "got-tinda tal-patata l-antika" (fol 25).

Dan il-vann kien jiġi wżat ukoll minn lavrant tiegħu Philip Yana; iżda dan kien telaq lejn l-Indoneżja xi ġimgħa qabel (Il-Ħamis jew il-Ġimgħa ta' qabel). Dan il-lavrant kien iġorr iċ-ċwievet ta' dan il-vann u kien iħallihom imdendlin fil-bastiment Crystal Star. Dan il-vann ġieli silfu lil xi nies ukoll. L-aħħar li kien silfu li xi nies kien fil-fatt il-ġimgħa ta' qabel meta l-lavrant tiegħu kien silfu lil xi Eġizzjan. Dakinhar tal-21 t'Awissu 2013 l-imputat jgħid li ma kienx jaf min kien ħadu l-vann għax ma kienx miegħu u ma resaqx lejn il-post fejn kien instab l-istess vann.

A fol 26, għall-mistoqsija "ghallura meta l-ahhar li kont hemm bil-vann?" l-imputat wieġeb "Il-bierah tlula". Dan ifisser li l-aħħar li kien bil-vann skont din it-tieni tweġiba kien f'jum it-Tnejn.

Mistoqsi jekk kienx jaf min kien qiegħed juża l-vann dakinhar tal-21 t'Awissu 2013, l-imputat wieġeb li ma kienx jaf min.

A fol 26 jgħid ukoll li t-tank tal-ilma li kien hemm fil-vann ma kienx tiegħu u l-anqas iż-żewġt boards li kien hemm fih.

Il-vann ma kienx irraportah misruq.

Fit-tieni stqarrija li rrilaxxja fil-25 t'Awissu 2013 l-imputat jgħid li huwa għandu mat-tminn lavranti u li dawn kienu bis-seaman book. Kollha kemm huma għandhom aċċess għall-dan il-vann. Dawn il-lavranti jgħixu fuq il-bastiment Crystal Starlight. Peress li l-imputat kien ingħata l-police bail, l-Ispettur staqsih jekk bejn l-ewwel stqarrija u dik l-istqarrija kienx kellimhom dwar dan il-każ ta' serq ta' ilma. L-imputat

wieġeb li huwa ma kienx kellimhom. L-ilma fuq il-vapur li għandu jissuplih bil-water maker.

L-imputat jiċħad li kien hu li qabbad il-pipe tal-ilma mal-latrina; u jiċħad ukoll li kien qabbad lil xi ħadd mill-ħaddiema tiegħu biex jagħmel din is-serqa. Anzi huwa żied li kien qiegħed jagħmel il-homework tiegħu bil-mod biex isib min kien qiegħed jisraq l-ilma. Reġa tenna li huwa ma kienx is-sid tat-tank tal-ilma li instab fil-vann u qal li kien qiegħed jagħmel il-homework tiegħu biex ikun jaf ta' min kien. Huwa kien qiegħed jistenna l-lanċa tas-sajd tiegħu tidħol Malta biex ikompli bl-istħarriġ tiegħu.

Meta ċemplulu l-Pulizija biex imur fuq il-post huwa kien qiegħed il-Mosta.

L-imputat ġie mistoqsi :

"Meta wasalt fuq il-post mort pront u ftaht il-valv ta' dak it-tank, ma tahsibx li kieku dan it-tank ma kienx tieghek kons issib diffikulta biex issiblu l-valv mal-ewwel?

Wieġeb :

"Ma ftahtux ta, nahseb li gara huwa li meta ghalaqna l-bieba infetah il-valv bit pipe, u dak it-tank kulhadd jaf fejn huma l-valvi taghhom".

L-imputat kompla żied minn jeddu li l-latrina kienet imbarrata bil-ġebel u l-kanna tal-ilma kienet qegħda barra u ma kienetx qegħda ġewwa u ma kienx ifisser dan li kienet tal-latrina u għalhekk ma kienx jaqbel li la kienet ħierġa mill-latrina kienet proprejta tal-Gvern. Huwa tenna li l-

kanna kienet ħierġa minn taħt l-art u ma kienetx ġejja mill-latrina. L-ilma li kien ħiereġ minn ġol kanna pero ma kienx jaħseb li kien tiegħu.

Mistoqsi kemm jaħseb li kien jiswa' l-ilma li kien hemm fil-vann tiegħu, huwa wieġeb : "Jekk tikkalkula bowser nahseb jigi jiswa xi 25cents, ghalhekk qieghdin naghmlu dan il-fuss kollu, mela ma tafx x'qalu tal-Labour issa "Malta Taghna ukoll"".

A fol 11 l-Ispettur Godwin Scerri jgħid li :

> x'hin wasal eżatt fuq il-post Pierre niżel jiġri mill-karozza u dahal ġewwa dan il-vann fejn ghalaq il-komunikazzjonijiet ma' l-ewwel tat-tank li hemm voldieri ghalaq il-komunikazzjonijiet minn naha t'isfel u minn naha ta' fuq minhabba li dan it-tank kien intela' u beda jfur xi ftit ukoll.

Jgħid ukoll li l-imputat qallu li ma kienux serquhulu l-vann u li jekk serquh ma kienx jaf li kienu serquhulu. L-Ispettur Scerri tenna wkoll li l-imputat beda jistqarr miegħu li l-Pulizija kienet qegħda taqbad miegħu għal żewġt euro ilma. Itenni wkoll li mill-investigazzjonijiet li għamel huwa ma rriżultalux li l-vann kien ġie misruq.

PS1098 Anthony Scerri xehed a fol 34. In suċċint jgħid li wara li l-imputat ipparkja l-vettura tiegħu eżatt wara dan il-vann, niżel mill-karozza, staqsa jekk il-Pulizija kienetx qabdet lil xi ħadd ma' ġenb dan il-vann jew bil-vann u beda jistaqsi għaċ-ċwievet tal-vann, mar ħdejn il-bieba tal-van, fetah il-bieba u beda jfittix iċ-ċwievet. A fol 39 jgħid li l-

vann kellu bieba tal-ġenb li kienet "sliding door" u mal-wasla tiegħu fuq il-post, il-Pulizija resqu din il-bieba u "dak il-hin jew ghalaq jew fetah il-koccier tal-x'jismu. Jiena nghid li fetahhom ghaliex waqt li konna mixjin bdejt nisma' l-ilma miexi, hawn sorry, jaqa' fit-triq."

Dan ix-xhud ra lill-imputat jagħmel din il-manuvra ma' dan it-tank. Huwa jtenni li ra lill-imputat li fil-fehma tiegħu kien qiegħed jiftah il-kokk tat-tapp minħabba li waqt li kienu qegħdin isuqu l-vann lejn l-Għassa tal-Belt, l-ilma li kien fih it-tank kważi tbattal kollu u waqa' fit-triq u dan ix-xhud ra' li l-ilma kien mela' t-triq kollha. Kien l-Ispettur li imbagħad tah l-ordni biex imur jaqħlaq dan il-kokk. Apparti minn hekk dan ix-xhud jgħid li meta kien qiegħed ħdejn il-vann fuq il-post fejn instab, għalkemm huwa ma vverifikax jekk l-istop cock li jagħti għall-kanna tal-ilma tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-ilma kienx miftuh u jekk il-pipe li kien qiegħed jitma' l-ilma mill-kanna tal-latrina għal ġot-tank kienx qiegħed iġorr ilma, huwa setgħa jinnota li meta waslu fuq il-post it-tank kien kważi mimli u wara xi tliet kwarti li għamlu fuq il-post dan beda jfur. Peress li dan kien tank kbir kien jieħu ċertu ħin biex jimtela' u sakemm damu hemmhekk laħaq far.

Mill-PIRS eżibit a fol 48 jirriżulta li l-latrina minn fejn kien hemm il-komunikazzjoni tal-ilma li kien qiegħed jinsteraq l-ilma minnha kienet tinsab il-Marsa "(hdejn it-tinda tal-patata)".

Illi mix-xiehda ta' Charles Abdilla, rappreżentant tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma jirriżulta li l-istop cock li kien hemm imwaħħal mal-ħajt tal-latrina (li jidher li huwa tal-plastik u jixbah dawk komunement jirreferu għalihom bħala tal-marka "Acorn") ma kienx proprjeta tal-Korporazzjoni għaliex din ma tużax fittings ta' din il-

marka. Il-Korporazzjoni ma kienetx taf bl-installazzjoni ta' dan l-istop cock u saret taf bih biss wara li sar lilha r-rapport mill-Ispettur Scerri. Ma kienx jaf min għamel din l-installazzjoni f'dan il-post. Il-valur tal-ilma allegatament misruq kien jammonta għal €1.58.

Illi mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PC637 Kevin Manicolo jirriżulta li l-vann JBP-727 kien vann li jidher f'kundizzjoni tajba u huwa vann kbir. Kien parkeġġat faċċata tal-baħar biswit din il-latrina, li illum jidher li ma għadhiex tintuża aktar għaliex għandha l-aperturi tagħha imbarrati. Mill-ġenb ta' dan il-vann jidher li hemm bieb sliding li minnu jidher ħiereġ pipe safrani li jibqa sejjer għan-naħa ta' wara tal-istess latrina fejn dan il-pipe jingħaqad ma komunikazzjoni komposta minn pipe irqieq griż tal-plastic simili għal dawk tal-marka "Acorn" miżmum mal-ħajt bi klipp tal-plastik griża ukoll imsammara mal-ħajt, bil-pipe l-isfar jidher li qiegħed inserit fil-pipe il-griż u t-tnejn li huma jidhru miżmuma ma xulxin bil-klipp ta' plastik griża. Il-pipe tal-plastic il-griż jidħol fi stop cock li minn naħa tiegħu jidher li ġie komunikat mal-kanna tal-ilma tal-metall tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma permezz ta' "T" li tidher ukoll tal-metall. Dan l-istop cock u l-pipes tal-plastik griżi simili għal dawk tal-marka "Acorn" jidhru li ma kienux ġodda. Il-pipe l-isfar li kien ħiereġ mill-vann kien wieħed twil u flessibbli u l-biċċa l-kbira tiegħu kienet irrumblata fil-vann stess. Fil-vann kien hemm tank tal-ilma kbir. Il-pipe l-isfar jidher li t-tarf l-ieħor tieghu kien qiegħed fil-bokka tat-tank li kienet tinsab fuq in-naħa ta' fuq tal-istess tank. Dan it-tank kien qiegħed f'gaġġa tal-metall. Fil-vann ġew fotografati wkoll diversi spanners u pipe ieħor ta' lewn trasparenti b'no return valve.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi minn dak hawn fuq spjegat, din il-Qorti hija moralment konvinta li min kien qiegħed jieħu dan l-ilma kien qiegħed jisraq l-istess ilma għad-dannu ta' din il-Korporazzjoni, kif ukoll jirriżulta mix-xiehda ta' Charles Abdilla a fol 66 u 67. Il-komunikazzjoni mal-kanna tal-ilma magħmula bil-mod kif imfisser aktar il-fuq, fil-fehma tal-Qorti tissodisfa l-kriterja stabbiliti mill-Artikolu 263(a) u 264(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali għat-tifsira tal-kelma "ksur"u b'hekk das-serq huwa kwalifikat bil-mezz.

Apparti minn hekk is-Surġent Anthony Scerri jgħid li meta kien qiegħed ħdejn il-vann fuq il-post fejn instab, għalkemm huwa ma vverifikax jekk il-pipe li kien qiegħed jitma' l-ilma mill-kanna tal-latrina għal ġot-tank kienx qiegħed iġorr ilma, huwa setgħa jinnota li meta waslu fuq il-post it-tank kien kważi mimli u wara xi tliet kwarti li għamlu fuq il-post dan beda jfur. Peress li dan kien tank kbir kien jieħu ċertu ħin biex jimtela' u sakemm damu hemmhekk laħaq far. Għalhekk ġie pruvat ukoll li fil-mument li marru l-Pulizija fuq il-post l-ilma kien għadu qiegħed jiġu mimli illegalment fit-tank tal-ilma li kien fil-vann.

Il-kwistjoni hija jekk għandux jirrispondi l-imputat għal dan ir-reat ta' serq kwalifikat. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex taqbad lill-imputat fil-fatt fuq il-post; iżda tistieh fuq l-istqarrija tal-imputat u fuq evidenza ċirkostanzjali oħra miġbura f'dan il-każ.

Biex din il-Qorti tkun tista tistrieh fuq din l-evidenza ċirkostanzjali, din trid tkun tali li skont il-Blackstone's **Criminal Practice,**[1] (li jikkwota lil

[1] 2013, F1.18 to F1.27

Lord Simon fil-każ DPP v Kilbourne[2] fejn fis-silta l-aktar rilevanti jingħad hekk) : -

> "The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities. [3]

Inoltre, fil-każ Teper v The Queen[4] Lord Normand stqarr :

> Circumstantial evidence may sometimes be conclusive, but it must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another...It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.[5]

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ bl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, wieħed jista jasal għall-konklużjoni li l-fatti kif seħħew huma skont dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni u għalhekk jistgħu iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Minkejja li ma kien hemm ebda xhud li ra' lill-imputat iwettaq is-serqa tal-ilma, teżisti evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha biżżejjed biex tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni

[2] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[3] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[4] [1952] AC 480 at 489.
[5] Ara wkoll Archbold, Criminal Pleading Evidence and Practice, 2013; 10-3.

dwar preżunzjonijiet ta' fatt fir-rigward ta' kif seħħew verament il-fatti f'dan il-każ. Kif mistqarr mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-każ : **Il-Pulizija vs James Abela**[6], preżunzjoni ta' fatt :-

> tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

Fit-trattazzjoni d-difiża targumenta li l-uniku prova li torbot lill-imputat max-xena tad-delitt huwa biss il-fatt li huwa sid il-vann li kien fih it-tank tal-ilma kontenenti l-ilma misruq. Biss fl-istqarrijiet tiegħu l-imputat ma jassumix biss ir-responsabbilta' għall-proprjeta tal-vann in kwistjoni. S'hemmhekk biss, kif tgħid tajjeb id-difiża, ma kienx ikun hemm provi biżżejjed li jorbtu lill-imputat mas-serqa in kwistjoni. Pero f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma resqitx biss dik il-prova.

Fl-ewwel stqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija huwa stqarr li kien is-sid tal-Van Vauxhall bin-numru tar-reġistrazzjoni JBP-727 u jgħid li l-aħħar li kien ħallih kien "got-tinda tal-patata l-antika" (fol 25). Dan id-dettall jaqbel ma' dak li ġie rapurtat mill-PIRS report a fol 48 fejn jirriżulta li l-latrina minn fejn kien hemm il-komunikazzjoni tal-ilma li kien qiegħed jinsteraq l-ilma minnha kienet tinsab il-Marsa "(hdejn it-tinda tal-patata)". Il-post jaqbel perfettament mal-lok fejn instab il-vann fis-sitwazzjoni inkriminanti. U din hija ċirkostanza indikattiva ħafna inkwantu l-vann instab fil-post fejn, jew qrib fejn, l-imputat jgħid li kien ħallih hu stess u meta instab, instab f'ċirkostanzi kompromettenti għall-aħħar.

---

[6] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2002.

Dwar meta l-imputat saq jew l-aħħar li ħalla l-vann f'dak il-post, l-imputat jaqa' f'kontradizzjoni f'temp ta' ftit minuti. Fejn a fol 25 jgħid li hu kien saqu xi ġimgħa qabel l-istqarrija tal-21 t'Awissu 2013, jiġifieri ġimgħa qabel il-jum tal-Erbgħa. Biss a fol 26, għall-mistoqsija "ghallura meta l-ahhar li kont hemm bil-vann?" l-imputat wieġeb "Il-bierah tlula" – li jiġi f'jum it-Tnejn u mhux il-Ġimgħa ta' qabel kif kien qal ftit qabel a fol 25. Skont din il-verżjoni l-imputat allura ma kienx ilu ġimgħa ma jsuq dal-vann iżda jumejn biss qabel ma nstab fil-lok tas-serqa. Din id-diskrepanza hija sinjifikattiva ħafna għaliex l-imputat inqabad f'kontradizzjoni li mhix kompatibbli ma min ikun qed jistqarr il-verita.

L-imputat jistqarr li dan il-vann kien jiġi wżat ukoll minn lavrant tiegħu Philip Yana; iżda dan kien telaq lejn l-Indoneżja xi ġimgħa qabel (Il-Ħamis jew il-Ġimgħa ta' qabel). Dan il-lavrant kien iġorr iċ-ċwievet ta' dan il-vann u kien iħallihom imdendlin fil-bastiment Crystal Star. Dan il-vann ġieli silfu lil xi nies ukoll. Iżda l-aħħar li kien silfu li xi nies kien fil-fatt il-ġimgħa ta' qabel meta l-lavrant tiegħu kien silfu lil xi Eġizzjan. Dakinhar tal-21 t'Awissu 2013 l-imputat jgħid li ma kienx jaf min kien ħadu l-vann għax ma kienx miegħu u ma resaqx lejn il-post fejn kien instab l-istess vann. Mistoqsi jekk kienx jaf min kien qiegħed juża l-vann dakinhar tal-21 t'Awissu 2013, l-imputat wieġeb li ma kienx jaf min. Apparti minn hekk l-imputat jgħid li l-vann ma kienx irrapurtah li huwa misruq. Anzi skont l-Ispettur Scerri, l-imputat qallu li jekk kien misruq ma kienx jaf li kien misruq.

Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li jekk ħadd mill-lavranti tal-imputat ma kien uża dak il-vann f'dak il-jum, u jekk ħadd ma kien seraq dak il-vann għax ma ġiex rapurtat misruq, u skont l-Ispettur Scerri ma rriżultax li l-vann ġie misruq, dan il-vann spiċċa fil-post tas-serqa waħdu - mingħajr

ma kien jaf l-imputat. Dan il-vann ma kienx ser jispiċċa hemmhekk b'dak it-tank u dak il-pipe imqabbad mal-kanna tal-ilma waħdu.

Apparti minn hekk il-vann instab fil-post tas-serqa biċ-ċwievet fl-ignition. Skont l-imputat iċ-ċwievet tal-vann kienu jkunu miżmuma fuq il-Crystal Starlight. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa indikattiv li l-vann ma ġiex misruq – u dan għaliex instab biċ-ċwievet fl-ignition b'kollox, liema ċwievet ikunu fl-isfera ta' kontroll tal-imputat jew tal-lavranti tiegħu. Pero l-imputat assigura li ħadd mill-lavranti tiegħu ma uża dan il-vann jew kien f'qagħda juża dan il-vann fil-jum in kwistjoni. U ħadd ma kien seraq dan il-vann.

Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen l-estranjeta tal-imputat f'dan il-każ. Dan il-vann ma setgħax jispiċċa f'dak il-post waħdu jekk ħadd mill-lavranti ma kienx użah u jekk ma nsteraqx. U minn dak li qal l-imputat stess jidher li l-aħħar persuna li kienet użat dan il-vann kien fil-fatt l-imputat stess.

Inoltre, l-imputat jgħid, żgur għal darba tnejn li t-tank tal-ilma ma kienx tiegħu. Biss il-Qorti ssibha ferm stramba kif allura tank ta' dik id-dimensjoni u konfigurazzjoni jispiċċa fil-vann tal-imputat meta la kien rapurtat misruq u l-anqas użat minn lavranti oħra wara li l-aħħar kien użah hu stess jumejn qabel.

L-anqas ma tqis kredibbli l-asserzjoni tal-imputat li wara li l-imputat ingħata l-Police bail, huwa ma kellem lil ħadd mill-lavranti tiegħu dwar dak li l-Pulizija kienu għadhom kif arrestawh dwaru. Bniedem li jkun verament estranju għal fatt bħal dan żgur li tiġih il-ħtieġa li jistaqsi biex

jara min ikun għamel ġest hekk serju li jisraq bi ħwejjeġ ħaddieħor u jeskolpa ruħu kemm jista jkun malajr billi jsib min ikun wettaq tali att. L-imputat jgħid li kien qiegħed jagħmel il-homework tiegħu – biss f'hiex kien jikkonsisti dan il-homework baqa' misteru f'dan il-każ.

Fattur ieħor li huwa indikattiv sew ta' kemm l-imputat ma kienx estranju għal dan ir-reat huwa rifless fir-reazzjoni tal-imputat mal-Ispettur Scerri meta l-istess Spettur itenni li l-imputat stqarr miegħu li l-Pulizija kienet qegħda taqbad miegħu għal żewġt euro ilma (ara fol 12). Donnu li l-preokkupazzjoni prinċipali tal-imputat ma kienetx fuq il-fatt li qiegħed jiġi indagat fuq serq iżda fuq il-futilita' ta' din l-investigazzjoni kontrih minħabba l-valur insinjifikanti tar-refurtiva. Il-Qorti tqis li persuna indagata għandha tippreokkupa ruħha serjament bil-fatt li tkun qed tiġi mistħarġa fl-ewwel lok, u mhux tgħaddi kummenti dwar il-futilita' tal-investigazzjoni tal-Pulizija għaliex ir-reat setgħa kien *di poco conto*. Naturalment kummenti bħal dawn ma jiddiswadux lil Pulizija milli tinvestiga u tagħmel dmirha. U hekk fil-fatt ġara f'dan il-każ.

Fattur ieħor pero li ssiġilla l-konvinzjoni ta din il-Qorti bir-responsabbilita tal-imputat kienet ir-reazzjoni tiegħu skont ix-xiehda tal-Ispettur Scerri u s-Surġent Anthony Scerri mal-wasla tiegħu fuq il-post. Matul l-istqarrija tiegħu l-Ispettur staqsa lill-imputat: "Meta wasalt fuq il-post mort pront u ftaht il-valv ta' dak it-tank, ma tahsibx li kieku dan it-tank ma kienx tieghek kont issib diffikulta biex issiblu l-valv mal-ewwel?

It-tweġiba tiegħu kienet : "Ma ftahtux ta, nahseb li gara huwa li meta ghalaqna l-bieba infetah il-valv bit pipe, u dak it-tank kulhadd jaf fejn huma l-valvi taghhom".

Iżda kif riportat aktar il-fuq kem Ispettur Godwin Scerri kif ukoll PS1098 Anthony Scerri jgħid jtennu li raw lill-imputat jagħmel il-manuvra mal-istop cock tat-tank. A fol 39 is-Surġent Anthony Scerri jtenni li l-vann kellu bieba tal-ġenb li kienet "sliding door" u mal-wasla tiegħu fuq il-post, il-Pulizija resqu din il-bieba u "dak il-hin jew ghalaq jew fetah il-koccier tal-x'jismu. Jiena nghid li fetahhom ghaliex waqt li konna mixjin bdejt nisma' l-ilma miexi, hawn sorry, jaqa' fit-triq." Kien l-Ispettur li imbagħad tah l-ordni biex imur jaqħlaq dan il-kokk.

Dan l-episodju jikkonsolida l-konvinzjoni f'moħħ il-Qorti li b'din l-azzjoni tiegħu quddiem il-Pulizija stess, l-imputat assuma r-responsabbilita għal dak it-tank tal-ilma u għal dak li kien qiegħed isir. Ir-reazzjoni tiegħu li jmur mhux biss jistaqsi għaċ-ċwievet tal-vann iżda wkoll li jmur jagħmel din il-manuvra mat-tank tistona bil-kbir mal-asserzjoni tiegħu li dak it-tank ma kienx tiegħu. Kieku veru t-tank ma kienx tiegħu ma kellux għalfejn imur jieħu l-briga li jagħlaq jew jiftaħlu l-istop cock. Din ir-reazzjoni mhix kompatibbli ma persuna li verament ma jkollhiex x'taqsam mal-oġġett li jkun qiegħed jikkontjeni r-refurtiva. Din ir-reazzjoni turi wkoll li l-imputat kien jaf eżatt fejn għandu jfittex għal dan l-istop cock u x'għandu jagħmel bih.

Verament li l-verżjoni tal-Ispettur Scerri u tas-Surġent Anthony Scerri mhix kategorika dwar jekk l-imputat għalaqx jew fetaħx l-istop cock. Fil-verita dak li huwa determinanti huwa l-fatt li l-imputat mar jagħmel din il-manuvra fuq tank fl-ewwel lok, liema tank suppost ma kienx

proprjeta tiegħu. Wieħed kien jistenna persuna estraneja għall-kontenitur tar-refurtiva li jiddistakka ruħu minnha u mhux imur hu stess imiss dik il-parti tant essenzjali għat-tank tal-ilma u għall-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Barra minn hekk jekk il-verżjoni tas-Surġent u dak mistoqsi mill-Ispettur fl-istqarrija tingħata aktar widen fis-sens li l-manuvra li għamel l-imputat kienet waħda li jiftaħ dan l-istop cock, is-sitwazzjoni tal-imputat issir aktar gravi. Dan għaliex bil-manuvra ta' ftuħ tal-istop-cock l-imputat kien jaf li l-ilma kien sejjer jiġi żvujtjat mit-tank bil-konsegwenza li jkun hekk iddisturba evidenza importanti fil-każ kontra tiegħu. Jibqa l-fatt li l-imputat ħass il-ħtieġa u l-preokkupazzjoni li jmur u jagħmel manuvra f'dan l-istop cock, li kemm jekk għalqu kemm jekk fethu, kienet intiża biex kemm jista jkun tillimitalu d-dannu li kien sab ruħu fih.

Huwa minnu li matul il-kors ta' dan il-każ qam inċident fejn l-Avukat Rachel Tua tenniet li hija kienet preżenti u li ma ratx lill-imputat jagħmel din il-manuvra. Pero bid-dovut rispett, l-Avukat Tua ma xehditx f'dan il-każ u din il-Qorti ma tistax tqis l-istqarrija tagħha waqt kontro-eżami ta' xhud bħala xiehda fi proċeduri ġudizzjarji.

Apparti minn hekk, din il-Qorti issibha ferm inverosimili li l-imputat ma kienx jaf b'dak li qiegħed isir bil-vann tiegħu f'dak il-post. Jidher ċar mir-ritratti li l-vann huwa wieħed li qiegħed fi stat kundizzjonat ħafna. Din il-Qorti issibha diffiċli temmen li persuna tista tħalli vann simili inkustodit, miftuħ u biċ-ċwievet tiegħu fl-ignition waqt li qed jimtela' tank tal-ilma li l-aktar li jiswa' huwa €1.58. Ma jagħmilx sens li sabiex persuna tisraq b'€1.58 ilma tħalli vann inkustodit biċ-ċwievet fl-ignition.

Fil-fehma tal-Qorti dan ma jagħmilx sens u l-ispjegazzjoni loġika hi li l-vann kien taħt għajnejn jew il-kontroll l-imputat.

A fol 31 l-ispettur jistaqsi lill-imputat kif jagħmel biex jissupplixxi l-ilma lill-vapuri tiegħu. L-imputat għandu wkoll negozji li jeħtieġu ħażna t'ilma kbira u b'hekk huwa plawżibbli li l-imputat ikun benefiċjarju ta' din ir-refurtiva partikolari. Il-vann li kien qiegħed iġorr dan it-tank huwa propjeta tal-imputat. L-imputat fl-istqarrija iwieġeb li huwa għandu l-water maker. Prova ta' dan ma nġiebitx. Pero wieħed jifhem ukoll li kull qatra tgħodd b'mod partikolari meta tkun fuq il-baħar.

Minbarra dan hemm ukoll il-kummenti li għamel l-imputat meta fl-istqarrija tiegħu minn jeddu liema kummenti għal darb'oħra jistunaw ma stqarrija ta' persuna li tkun qed tipprotesta l-estranjeta tagħha għall-akkadut. L-kompla żied li l-latrina kienet imbarrata bil-ġebel u l-kanna tal-ilma kienet qegħda barra u ma kienetx qegħda ġewwa u ma kienx ifisser dan li kienet tal-latrina u għalhekk ma kienx jaqbel li la kienet ħierġa mill-latrina kienet proprejta tal-Gvern. Huwa tenna li l-kanna kienet ħierġa minn taħt l-art u ma kienetx ġejja mill-latrina. L-ilma li kien ħiereġ minn ġol kanna pero ma kienx jaħseb li kien tiegħu. Mistoqsi kemm jaħseb li kien jiswa' l-ilma li kien hemm fil-vann tiegħu, huwa wieġeb : "Jekk tikkalkula bowser nahseb jigi jiswa xi 25cents, ghalhekk qieghdin naghmlu dan il-fuss kollu, mela ma tafx x'qalu tal-Labour issa "Malta Taghna ukoll"".

Dawn il-kummenti kienu għal kollox barra minn lokhom għal persuna verament estranea għall-fatti. Jekk il-kanna tal-ilma kienetx tal-latrina jew le hija irrilevanti. Ladarba t-teħid tal-ilma ma kienx qiegħed isir skont il-Liġi u kien iqiegħed isir għad-dannu ta' xi persuna li kellha s-

servizz tal-ilma (li l-imputat stess jammetti li ma kienx tiegħu) l-imputat ma kellux għaliex iħabbel rasu jispjega minn fejn ħierġa l-kanna tal-ilma. Jekk huwa kien innoċenti setgħet kienet ta' Tisju, Caju jew Sempronju u setgħet ħierġa minn fejn kienet ħierġa. Ma kellux għalfejn jipprova jispostja l-focus tal-investigazzjoni fuq il-fatt jekk kienetx tal-latrina jew ta' terzi.

Din l-evidenza ċirkostanzjali kollha magħquda flimkien mal-istqarrija tal-imputat twassal lil Qorti għal konvinċiment morali li l-imputat kien persuna responsabbli minn dan is-serq tal-ilma kwalifikat bil-mezz.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Din l-imputazzjoni ma tistax tirnexxi u l-imputat sejjer jiġi liberat minnha għal żewġ raġunijiet prinċipali.

L-ewwelnett il-Prosekuzzjoni qegħda taddebita lill-imputat bis-suppost reat li fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bagħbas jew għamel ħsara fil-komunikazzjoni tal-ilma tal-main u dan għad-detriment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-Avviz Legali 331 tal-2008 regolament numru 10 (39).

Meta wieħed janalizza dan ir-Regolament, jgħid hekk : -

**39.** Meta jinstab li jkun sar xi tbagħbis jew ħsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qegħda tieħu l-ilma minn xi kanna jew tagħmir tal-Korporazzjoni mingħajr ma jkun hemm arloġġ, il-Korporazzjoni għandha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond il-każ, iħallasha danni f'ammont ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500).

Dan l-Artikolu tal-Avviż Legali kwotat ma joħloqx reat kriminali. L-anqas ma jirriżulta xi regolament ieħor fl-istess Avviż Legali li jeleva l-kondotta f'dan ir-regolament 39 għal reat kriminali jew jipprovdi li tista tittieħed azzjoni penali in bażi tiegħu quddiem Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ir-regolament 10 kwotat ukoll mill-Prosekuzzjoni huwa irrilevanti għal dan il-każ stante li ma jinkwadra bl-ebda mod fil-fattispecie.

Apparti dan din il-Qorti diġa esprimiet ruħha li hija moralment konvinta li kien l-imputat li persuna responsabbli mis-serq tal-ilma mill-kanen tal-latrina. Pero ma nġiebet ebda prova li kien hu l-artefiċi ta' din il-komunikazzjoni abbużiva bi tbgħabis jew ħsara fil-komunikazzjoni tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma bil-fittings tal-plastik li saret mat-"T" tal-metall li tagħti għall-kanen tal-ilma tal-Korporazzjoni. Il-Qorti hija konvinta moralment li huwa ikkomunika l-pipe isfar li kien jagħti għal ġot-tank mal-pipe il-griż li kien jagħti għall-istop cock tal-plastik li minnu kien ħiereġ l-ilma, iżda mhix moralment konvinta li kien hu l-artfiċi tal-ħsara u l-fittings tal-plastik li saru u li permezz

tagħhom hu u terzi setgħu jieħdu l-ilma illegalment minn dik il-komunikazzjoni abbużiva. Għalkemm fil-vann instabu wkoll għodod li huma kompatibbli max-xogħol ta' plumbing il-Qorti ma tqishomx bħala provi sodi biżżejjed li fuqhom tista ssawwar ħtija.

***<u>GĦALDAQSTANT :</u>***

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b), 263(a), 264(1)(2) u 278(1)(4) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll ir-Regolamenti 10 u 39 tal-Avviż Legali 331 tal-2008 nonche l-Government Notice 133 tal-1948 filwaqt li ssib lill-imputat Pierre Darmanin mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, qegħda ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat il-fedina penali netta u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fosthom li l-valur tal-ilma misruq jammonta għal euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€1.58) qegħda tqis li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-Pierre Darmanin bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum is-17 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta,***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------